# IL-PRESEPJU U S-SALIB

Fi twelidek lit-tfal henni,
O Ġesù, lit-tfal ċkejknin:
Tfajjel Inti, tfajlin huma,
Għandkom l-hena tat-tajbin.

Jiena rrid narak fil-milja
Tar-rġulija, o Ġesù tiegħi,
Nisma' f'kelmtek l-għerf tas-Sema,
L-hemm tal-ħajja taqsam miegħi.

Mis-Salib tiġbidni iżjed
Dirgħajk beraħ miftuħin,
Titlob maħfra għal min sallbek,
Trodd il-ħajr lill-midinbin.

Dun Karm.

24-12-34

# GĦAJDUT MALTI

*(Jissokta mal-paġ. 104),*

93. F'radda ta' salib
94. Kemm tgħid kredu
95. Ġieb għajnejh wara widnejh
96. Toħroġx għaġeb kemm jixxiebhu
97. Fula maqsuma.
98. Is-sewwa ħabib Alla.
99. Nibqa' naħulek sa ma t-trab jaqa' fuq għajnejja.
100. Sebgħi dritt
101. Ħadd ma jħammarli wiċċi
102. Infexx jibki
103. Mur għidlu li....
104. Bħal dak li qallu
105. Żaqqu ma' dahru.
106. Mur obsor
107. Ħu għalih



108. Barra-minn-hawn seba' ħarat bogħod
109. ..... 'kkma tridx (libset il-kappell)
110. Ħudha ġo fik
111. Arani u la tmissnix (imdandan)
112. Għaffiġha...
113. Talgħetlu l-mustarda
114. Faqqagħha...
115. Ġismi tala' xewk-xewk.
116. Suret in-nies.
117. Trid titmagħni r-ross bil-labra
118. Trid tgħatti x-xemx bil-għarbiel.
119. Aħna taż-żejjed u n-nieqes?
120. Min jaf x'għad joħroġ għażlu dak....
121. Ġiet faqgħa fuqi
122. Siequ fil-ħofra
123. Dahru mal-ħajt.
124. Fommu taz-zokkor
125. Wiċċu rqiq.
126. Il-ħaxu mal-għaġina
127. Ta' fuqu senduqu
128. Idu ħafifa
129. Sieqek hawn oħra hemm.
130. Għajta fl-art oħra fis-sema
131. Bis-sewwa jew bid-dnewwa
132. Islifni wiċċek.
133. Wiċċ il-għatba tal-klistlanija.
134. Taf x'hemm mill-ġdid
135. Miet ħesrem
136. Għajnu għokritu
137. Ma jagħmillux għajb
138. Ma jitlifx berrittu fil-folla
139. Mal-ħaġra t-tajn
140. Rasu kwadra
141. Qaddisu ma jagħmilx vġili
142. Miet ħmar
143. Ma jiswiex tebaq fwiedu
144. Tiġi boċċa mal-likk
145. Ommu m'għamlitlux qoċċija
146. Ifittex ix-xagħra fil-għaġina
147. Ġuvni donnu bandiera
148. Qoffa tiela u oħra nieżla

V. M. B.

*(Jissokta)*